# IR-RELIĠJON

Form 4 OPTION
downloaded from studjisocjali.com © Ms Graziella Bonavia



Downloaded from studjisocjali.com










- Definizzjoni ta' reliġjon.
- Il-funzjonijiet tar-reliġjon.
- Ir-reliġjonijiet ewlenin tad-dinja: il-Kristjaneżmu, l-Islam, il-Buddiżmu, l-Induwiżmu, il-Ġudajiżmu.
- Tipi ta' organizzazzjoniet reliġjużi: knejjes, setet, movimenti reliġjużi ġodda, denominazzjonijiet u kulti.
- Is-sekularizzazzjoni u l-bidla fis-soċjetà.
- Il-libertà u t-tolleranza reliġjuża



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

# Ir-Reliġjon

*"Religion is the opium of the people" Karl Marx.*

**Definizzjoni ta' reliġjon.**

Ir-reliġjon tfisser kull forma ta' **twemmin fil-forzi sopranaturali, fejn il-bniedem ifittex soluzzjonijiet għall-eżistanza tiegħu u tal-univers** – soluzzjonijiet li jista' jsibhom kemm f'din id-dinja (pereżempju, it-talb) kif ukoll fl-eternità (pereżempju l-ġenna).

Ir-religjon għandha sistema ta' valuri li jaffettwaw l-emozzjonijiet, l-imgiba u l-ħsibijiet tagħna l-bnedmin.

*Meta nsemmu r-reliġjon nistgħu naħsbu fuq żewġ livelli:*

1. **Dimensjoni personali:** Ir-reliġjon fuq livell personali tfisser mod ta' għejxien. Dan jinvolvi talb, meditazzjoni u relazzjoni privata ma' Alla.

2. **Dimensjoni pubblika:** li tinvolvi r-reliġjon bħala istituzzjoni li għandha struttura, ritwali (talb fil-knejjes, festi…), bini (knejjes, moskej…), regoli (kmandamenti…) u simboli (salib, qamar,…) marbuta magħha.

Reliġjon ma tfissirx biss twemmin f'Alla jew f'xi ħaga sopranaturali.

Soċjologu ieħor jagħmel differenza f'dak li hu **sagru** u dak li hu **profan.**



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

**Oġġetti sagri** huma meqjusa bħala speċjali u assoċjati ma' affarijiet divini.

**Oġġett profan** huwa ordinarju u m'għadnu l-ebda importanza.

L-affarijiet sagri jwasslu għall-emozzjonijiet qawwija f'persuni li jemmnu dan għax jirrappreżentaw xi ħaġa ta' poter qawwija. Eżempju għar-reliġjon Nisranija, l-insara jqisu s-salib bħala xi ħaga sagru u jirrappreżenta lil Ġesù.

Skont Durkheim meta s-soċjetà qed tadura affarijiet sagri qed tadura wkoll is-soċjetà nnifisha għax is-soċjetà tkun qed tingħaqad f' komunità morali. Skont dan is-soċjologu r-reliġjon hija l-bażi ta' ħsieb uman, raġuni u xjenza.

**Ir-reliġjon bħala parti mill-proċess tas-soċjalizzazzjoni:**

Ir-religjon hija wieħed mill-aġenti tas-soċjalizzazzjoni sekondarja għax din tissoċjalizza lin-nies u tiggwidahom lejn valuri simili.

Għalhekk jekk fis-soċjetà jkun hemm valuri simili dan ħa jwassal għall-kontroll soċjali. Fi kliem aktar sempliċi nistgħu ngħidu li permezz tar-reliġjon il-persuna qed titgħallem. (tinsewx, soċjalizzazzjoni tfisser proċess ta' tagħlim)

Tgħin lill-individwu jibni personalità bbażata fuq dak li tgħallem minn istituzzonijiet reliġjużi bħal pereżempju (il-mużew, jew il-knisja). Permezz ta' din l-influwenza ta' reliġjon l-individwu ħa jitgħallem kif iġib ruħu, u jiġġudika dak li hu tajjeb jew ħażin, fuq bażi ta' dak li jkun tgħallem. Minħabba dan it-tagħlim, ta' dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin, nistgħu ngħidu li r-reliġjon toffri wkoll tip ta' kontroll soċjali.

© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

## Il-funzjonijiet tar-reliġjon.

*Hemm diversi teoriji li jsemmu funzjonijiet differenti tar-reliġjon.*

**Kontroll soċjali**: Karl Marx kien jemmen li r-reliġjon toħloq forma ta' kontroll ta' kif għandek tgħix, fosthom li tobdi lil min iħaddmek. Għalhekk huwa kien jemmen li r-reliġjon hija "loppju tal-poplu". Il-ħaddiema jispiċċaw jagħmlu minn kollox biex għalihom ikunu għexu ħajja tajba u fl-aħħar mill-aħħar ħa jgawdi l-kapitalist (min iħaddem). Minħabba f'hekk il-ħaddiema qegħdin jiġu sfruttati mill-Burgeoisie (kapitalist).

**Funzjoni fit-tixrid tal-valuri:** Soċjologi oħra jemmnu li r-reliġjon hija importanti biex b'hekk tinħoloq armonija u paċi fis-soċjetà. Dan jiġi minħabba l-ħeġemonija minħabba li n-nies jemmnu l-istess twemmin, għalhekk ikollhom valuri simili jew l-istess u ma jiġġildux.

**Funzjoni ta' identità:** Meta l–individwu jaċċetta l-valuri tar-reliġjon, jifhem aktar kemm lilu nnifsu kif ukoll individwi oħrajn u jifforma l-identità.

**Funzjoni ta' appoġġ:** Permezz tar-reliġjon bniedem isib tifsira u skop fil-ħajja tiegħu. Huwa ikun jista' jifhem aħjar xi mistoqsijiet li jkollu fil-ħajja tiegħu u jagħmel sens mit-tbatija li jgħaddi minnha.

**Funzjoni ta' żvilupp:** Minħabba li r-reliġjon tħalli impatt fuq il-bniedem tħalli impatt fuq is-soċjetà wkoll u tgħin persuna tieħu deċiżjonijiet tajba.



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

## **Tipi differenti ta' reliġjon.**

Qabel, ħafna reliġjonijiet kienu jemmnu f'aktar minn alla wieħed u din tissejjaħ **politeiżmu.**

L-ewwel reliġjon li kienet tħaddan twemmin f'alla wieħed hija dik tal-Ġudaiżmu. Reliġjon li temmen f'alla wieħed biss hija **monotiżmu.**

## **Dawn huma r-reliġjonijiet ewlenin tad-dinja.**

## **Il-Kristjaneżmu:**

Hija reliġjon ibbażata fuq it-tagħlim ta' Ġesù Kristu li hu ċ-ċentru tal-fidi. Il-kristjaneżmu hija l-ikbar reliġon, b'aktar minn 2.4 biljun li jipprattikawha, għalhekk hemm 33% tad-dinja kollha. Dawn jissejħu kristjani. Qegħdin imxerrdin madwar 158 pajjiż. Jemmnu li Ġesù huwa l-iben t'Alla li salva lil kulħadd u għandu jerġa' jiġi bħala l-Messiah kif hemm miktub u mwiegħed fl-antik testment.

It-teoloġija Kristjana ssemmi diversi affarijiet fil-Kredu. Ġesù bata, miet u difnuh u niżel l-infern biex itella' lill-mejtin minn hemm. Ġesù mar fiżikament il-ġenna fejn imexxi flimkien ma' Alla l-missier u fl-għaqda tal-Ispirtu s-Santu u għandu jerġa' jiġi biex jiġġudika l-ħajjin u l-mejtin.



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

## L-Iżlam

L-Iżlam żviluppa mill-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu. L-Islam huwa reliġjon li temmen f'Muhammed u li hu l-messaġġier ta' Allah.  Hija t-tieni l-ikbar reliġjon u din qiegħda dejjem tiżdied. Nies li jipprattikaw dan ir-reliġjon jissejħu Musulmani. Hemm mawdar 49 pajjiż li jipprattikaw l-Islam.  L-Islam jgħallem li Alla huwa ħanin, b'saħħtu u dejjem iggwida lin-nies tiegħu perezz ta' skritturi fil-Koran; li għall-musulmani dan huwa kkunsidrat bħala ktieb sagru.   Il-musulmani jitolbu f'post jissejjaħ Moskea.

l-Islam jemmen li min jgħix tajjeb jiġi ppremjat u jmur il-ġenna u min jgħix ħażin jiġi ikkastigat l-infern.

## Il-Buddiżmu

Huwa reliġjon li tinvolvi varjetà ta' tradizzjonijiet, twemmin u prattici spiritawli li huma bbażati fuq it-tagħlim tal-Buddha.

Il-Buddiżmu oriġina fl-Indja qabel Kristu.  Imbagħad mexa għall-Asja. Huwa r-raba' l-ikbar reliġjon tad-dinja. Il-Buddisti jagħtu importanza l-morali, l-għerf, l-imħabba u l-kompassjoni. Il-Buddisti jitolbu fit-tempi. Fl-aħħar dawn jaslu għal Nirvana fejn huwa stat li m'hemmx tbatija u li persuna terġa' titwieled però hemm diversi verżjonijiet ta' dan il-kunċett.


© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

## Il-Ħindu

Il-Ħindu beda fl-Asja madwar 6,500 QK. Il-Ħindu huwa meqjus bħala reliġjon imma wkoll bħala filosofija. Interessanti l-fatt li m'għandhomx alla wieħed assolut. L-idea ta' alla hi kumplessa u għandhom diversi divinitajiet ta' livelli differenti u hemm min fl-istess ħin iħaddan l-idea ateista jiġifieri li m'hemmx alla.

## Il-Ġudaiżmu

Dan beda fir-reġjun tal-Mesopotamja, fejn illum insibu l-Iran u l-Iraq, madwar 3,000Q.K. Huwa l-għaxar l-ikbar reliġjon. Bejn 14.5 miljuni u 17.5 miljuni jipprattikaw din ir-reliġjon. Din bdiet bil-ġrajja ta' Abram u l-patt li Alla għamel miegħu, li hu se jkun il-missier ta' poplu magħżul minn Alla stess. Abram hu missier il-poplu Lhudi, tar-reliġjon Ġudajka li minnu bdiet ir-reliġjon Nisranija u r-reliġjon Iżlamika.

Il-Ġudaiżmu beda mil-Lhud. Jinkludi varjetà ta' kitba, prattiċi, teoloġiji u forom ta' organizzazzjonijiet. Din ir-reliġjon tħaddan il-Monoteiżmu jiġifieri alla wieħed assolut. Tibbaża l-istorja tagħha fuq il-kotba imqaddsa.



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

**Tipi ta' organizzazzjonijiet reliġjużi:**



**Knisja:** Bil-kelma knisja ma nifhmux biss post fiżiku imma twemmin u prattika reliġjuża miġbura f'organizzazzjoni burokratika, formali u stabbilità, li tgawdi minn ammont sostanzjali ta' membri għal tul ta' żmien.




**Kult:** Grupp soċjali b'reliġjon, spiritawlità u filosofija u li dawn għandhom interessi komuni.




**Setta:** Huwa sotto-grupp ta' reliġjon li jinqata' minn reliġjon minħabba xi kunflitt fl-ideat fit-twemmin, għalhekk dawn jiffurmaw setta bit-twemmin tagħhom.



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

**Is-sekulariżmu u l-bidla fis-soċjetà.**

Is-sekulariżmu huwa proċess fejn soċjetajiet moderni jitilfu r-reliġjon u l-valuri tagħhom minħabba li jibdew jaħsbu aktar b'mod loġiku. F'soċjetà sekulari r-reliġjon titlef l-importanza tagħha u għalhekk tnaqqas l-awtorità kulturali, u l-għaqda reliġjuża għandha ftit li xejn poter soċjali għalhekk ma tinfluwenzax lill-bniedem fil-mod ta' kif jgħix.

Diversi soċjologi jfissru s-sekulariżmu bħala nuqqas fil-livell tar-reliġjon li din tiġi minħabba soċjetajiet moderni. Ħafna soċjologi jemmnu li din tiġi wkoll minħabba li n-nies mhumiex kapaċi jaddattaw għall-ħtiġijiet spiritwali tagħhom u minħabba l-fatt li x-xjenza dejjem qed tavvanza. Għalhekk l-individwi jirrikorru għall-ħsbijiet xjentifiċi u teknoloġiċi minflok ir-reliġjon.

Eżempju fejn qabel kienu jaħsbu li x-xemx jew ix-xita ġiet minħabba Alla għax jinsab kuntent jew irrabjat, illum in-nies jagħtu spjegazzjoni xjentifika tat-temp.



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

**Il-Vantaġġi tas-sekulariżmu**




1. Meta jkun hemm distinzjoni bejn r-reliġjon u l-istat aħjar biex b'hekk ħadd **ma jabbuża mill-poter**.




2. **Id-demokrazija ħa tkun aktar b'saħħitha**.

Eżempju: stati fundamentalisti Iżlamiċi huma stati dittatorjali fejn persuna taffaċċja pieni ħorox jekk ma timxix mar-reliġjon. Jista' jkun li persuna jiġi mċaħħda mid-drittijiet tagħha minħabba r-reliġjon estrema, għalhekk meta jkun hemm sekulariżmu, nuqqas ta' reliġjon, jgħin biex il-bniedem ma jkunx imċaħħad mid-drittijiet tiegħu.




3. Fi stat sekulari, iċ-ċittadini jibqgħu **jgawdu mil-libertà ta' qima, għaliex il-knejjes ma jingħalqux mill-gvern.** Għalhekk kull individwu jista' jiprattika liema reliġjon irid basta mhux fil-pubbliku.


© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

**L-Iżvantaġġi tas-sekulariżmu**



1. Fi stati sekulari ċ-ċittadin jiġi **mċaħħad mil-libertà ta' qima**. Persuna tkun tista' biss tipprattika r-reliġjon tagħha fil-privat, għalhekk ma tistax tagħmel ċerimonji bħal purċissjonijiet, pellegrinaġġi, quddies fil-beraħ jew festi reliġjużi.




2. F'pajjiżi komunisti, ikun hemm sekulariżmu u n-nies ma jistgħux jitkellmu dwar reliġjon. Min jitlob fil-pubbliku jispiċċa l-ħabs, għalhekk hemm **nuqqas ta' libertà u nuqqas ta' tolleranza reliġjuża.**




3. **Effett negattiv fuq l-identità nazzjonali u tradizzjonijiet tal-pajjiż.** Meta l-gvern ma jħallix liċ-ċittadini tal-pajjiż tiegħu jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom biex ma joffendux reliġjonijiet oħra. Din tissejjaħ "political correctness". Eżempju fi Franza u l-Ġermanja mhumiex permessi l-kurċifissi fl-iskejjel pubbliċi!



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

4. **<u>Is-sekulariżmu ma jnaqqasx il-kunflitt.</u>**



Li timponi s-sekulariżmu tfisser li ma tħalli lil ħadd juri jew jipprattika r-reliġjon tiegħu fil-beraħ. Franza għamlu liġi li ħadd ma jista' jilbes il-"burka" li din tirrappreżenta r-reliġjon tal-Musulmani. Għalhekk nisa li jinqabdu biha jeħlu multa. Eżempju fin-Niġerja hemm il-maġġoranza Musulmani u l-minoranza Insara, għalhekk BOKO HARAM, li hu grupp terroristiku fundamentalist qed jipprova joqtol l-Insara u huwa wkoll kontra l-gvern sekulari.




5. Stat sekulari **<u>joħloq soċjetà permissiva</u>**, fejn kull reliġjon titwarrab u l-moralità pubblika tispiċċa fix-xejn. Meta ċ-ċittadini jwarrbu reliġjon u l-valuri li ġġib magħha, jibdew isiru materjalisti.


© Ms Graziella Bonavia